KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 45

**It-Tlieta 30 ta' Awwissu 2022**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier (skużat)
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier (onlajn)

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 45.1 Qari tal-Apoloġiji

45.1.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Dr Attard. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

### 45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 44

45.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

45.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 44 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 45.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

45.3.1 Is-Sindku informa li din il-ġimgħa ltaqa' ma' rappreżentanti ta' Reġjun Tramuntana u dawn kienu ssuġġerew li fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bosk idawru parti minnu bħala *skate park*. Hawnhekk kien hawn diskussjoni minħabba li l-bosk huwa meqjus bħala post fejn wieħed jirrilassa u kien hemm kunsens li jibqa' jitħaddar aktar. Hawnhekk kien hemm suġġeriment biex minflok tintuża ż-żona ta' bejn il-BFBS u l-HQ tal-Imtarfa Drama u ta' Marconi Radios fi Triq l-Anzjani, żona li kienet għadha mitluqa u s'issa ma kienx instab skop għaliha. Is-Sindku qabel li jkellem lir-Reġjun dwarha.

45.3.2 Is-Sindku informa li l-PWD kienu aċċettaw li jirranġaw il-pavimentar ta' Triq il-Gladjoli. Fil-preżent kienu qed jinġabru l-kwotazzjonijiet biex jinxtara l-pavimentar min-naħa tal-Ministeru kif ukoll kwotazzjonijiet għall-għamara ta' barra min-naħa tal-uffiċċju tal-Kunsill.

45.3.3 Kien hemm qbil li għandhom jitwaħħlu xi bollards fuq il-bankina fi Triq l-Imtarfa minħabba l-parkeġġ illegali li qed ikun hemm, b'mod li regolarment jifqgħu t-tappieri tad-drenaġġ tar-residenti.

### 45.4 Ċentru Terapewtiku għal Żgħażagħ b'Imġiba Ħażina

45.4.1 Is-Sindku semma' li kif jaf kulħadd kienet saret il-laqgħa ta' informazzjoni bejn il-Ministeru u r-residenti. Eżatt wara kienet inżammet laqgħa tal-kunsill b'urġenza fejn il-Kunsill qabel unanimament li qed jopponi dan il-proġett.

45.4.2 Fuq suġġeriment tas-Sindku, kien hemm qbil li għandha ssir petizzjoni ġdida li toriġina mill-Kunsill Lokali biex tiġi sottomessa lill-Ministeru b'mod uffiċjali.

45.4.3 Hawnhekk is-Sindku informa li skont informazzjoni li għandu, għalkemm fil-laqgħa kien intqal li dan il-proġett kien ġie approvat mill-Kabinett biex isir fl-Imtarfa, il-Kabinett kien approva l-proġett inniffsu u li dik il-biċċa art għandha tingħata lill-Ministeru.

45.4.4 Kien hemm qbil li l-amministrazzjoni għandha tħejji l-petizzjoni. Din għandha titpoġġa onlajn fuq il-paġna tal-Kunsill u għandu jintbagħat ukoll fuljett dar dar biex min ma jafx ikun jista' jasal l-uffiċċju tal-Kunsill biex ngħinuh jimlieha.

## 4.5 Offerta MTFLC/T/002/2022 – *Tender for the installation of mechanical and electrical (M&E) Services at the Mtarfa Visitors Centre (re-issue)*

45.5.1 Is-SE infurmat li kienet għalqet l-offerta l-ġdida u kien hemm żewġ offerenti. Min-naħa tal-*engineer* kienet għamlet l-evalwazzjoni tal-parti teknika u talbet li jkun hemm kjarifika dwar xi punti.

45.5.2 Għaldaqstant ma setgħetx tittieħed deċiżjoni dwar din l-offerta u kienet se tiġi diskussa aktar 'il quddiem wara li ssir l-evalwazzjoni finali mill-bord tal-evalwazzjoni.

## 45.6 Tiġrija tal-Malta Classic / Mdina Grand Prix

45.6.1 Is-Sindku informa li wara li saret l-istqarrija pubblika, l-organizzaturi tal-Malta Classic kienu talbu laqgħa bejn l-istakeholders kollha, fejn f'isem il-Kunsill Lokali tal-Imtarfa kienu attendew hu u s-SE. Din il-laqgħa kienet inżammet filgħodu fis-Sala tal-Kunsill Lokali tal-Imdina.

45.6.2 Is-Sindku informa li dawn kienu qed iwegħdu li jikkoperaw aktar fir-rigward tal-immaniġġjar tat-traffiku u kienu lesti anke li jagħmlu servizz ta' *shuttle* bejn it-tliet lokalitajiet sabiex ir-residenti jkunu moqdija aħjar.

45.6.3 Fil-laqgħa hawnhekk ingħaqdet il-Kunsillier Mifsud onlajn.

45.6.4 Sadanittant kien sar suġġeriment li t-traffiku kollu li jkun tiela' mis-Saqqajja jkun aktar flowing bl-għajnuna tal-uffiċjali tal-infurzar (EO's) u li temporanjament Triq Ġorg Borg Olivier u Triq il-Ħaddiem fir-Rabat isiru fuq direzzjoni waħda biex it-traffiku jkun aktar mexxej. Fir-rigward tal-Imtarfa, kien issuġġerit li d-dħul għat-traffiku jkun minn Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello u l-ħruġ mill-Imtarfa jkun minn Triq l-Istazzjon lejn in-Nigret jew minn Triq l-Imtarfa (quddiem il-ħanut taż-żebgħa). Triq l-Għeriexem fir-Rabat kienet se tkun fuq direzzjoni unika lejn l-Imdina u mill-5pm 'l quddiem kellha tinfetaħ. Il-parkeġġ ta' ħdejn l-istatwa ta' San Ġużepp kien se jkun riservat għar-residenti tar-Rabat u se jkun hemm ukoll sistema ta' park and ride.

45.6.5 Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-organizzaturi għandhom jassiguraw li jkun hemm dħul lejn l-Imtarfa minn Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello u minn Triq tal-Palma (mill-Bypass) u ħruġ mill-Imtarfa minn Triq l-Istazzjon lejn in-Nigret, minn Triq l-Imtarfa lejn in-Nigret u għandha wkoll tiġi aċċessibbli għall-karozzi t-triq li tagħti mill-Imtarfa għal Wied il-Qlejgħa (fuq direzzjoni unika, bħala ħruġ mill-Imtarfa lejn Triq Buqana biss). Għandu jkun hemm

uffiċjali tul ir-rotot kollha u m'għandhomx jitħallew jipparkjaw vetturi matul it-triq ta' Wied il-Qlejgħa matul il-ħinijiet kollha tal-għeluqijiet. Għandu jkun hemm ukoll *shuttle buses* għaddejjin mill-Imtarfa sabiex jiġbru lir-residenti li m'għandhomx vettura privata minħabba li tul dak il-weekend kollu, il-lokalità tal-Imtarfa ma tkunx koperta bis-servizz tat-trasport pubbliku. L-organizzaturi għandhom ukoll iħejju u jistampaw fuljett (bl-approvazzjoni tat-tliet Kunsilli) u jassiguraw li jitqassam fid-djar kollha biex ir-residenti jkunu jafu eżatt kif se jitħaddem l-immaniġġjar tat-traffiku b'mod ħolistiku kif ukoll id-dħulijiet u l-ħruġijiet mil-lokalità. Dan kollu għandu jkun a spiża tal-organizzaturi.

45.6.6 Is-SE kienet se tieħu ħsieb li twassal din l-informazzjoni kollha lill-organizzaturi.

## 45.7 Ċirkulari Numru SPI/SCI/8/2022 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied

45.7.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet ċirkulari dwar espressjoni ta' interess għall-finanzjament ta' attività għal żmien il-Milied. Magħha kienet għaddiet ukoll xi suġġerimenti dwar festin li jista' jiġi organizzat flimkien mal-entitajiet tal-Imtarfa fejn kien hemm tliet Kunsilliera li bagħtu li qed jaqblu.

45.7.2 Għaldaqstant min-naħa tagħha kienet għaddiet ukoll kopja tal-applikazzjoni mimlija flimkien mal-lista tal-ispejjeż involuti. Is-SE infurmat li kemm-il darba l-Kunsill ikun rebbieħ ta' din l-iskema, il-Kunsill kien se jkollu jagħmel tajjeb għal 15% tal-ispiża totali.

45.7.3 Il-Kunsill approva din l-attività għat-tfal u kien hemm qbil li din l-applikazzjoni għandha tiddaħħal lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex tiġi kkunsidrata.

45.7.4 Bħala etajiet għall-attività, intagħżlu dawk bejn is-6 u l-14-il sena.

## 45.8 Talba mingħand is-Service Dog Malta Foundation

45.8.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet talba mingħand is-Service Dog Malta Foundation sabiex nindikawlhom x'postijiet vojta hawn fl-Imtarfa sabiex jużawhom bħala ċentru għalihom. Huma kienu maġġorment interessati fl-*Isolation Hospital* imma kienu lesti jikkunsidraw postijiet oħra.

45.8.2 Il-Kunsill qabel li ladarba l-Kunsill m'għandu ebda proprjetà, mhuwiex fil-pożizzjoni li jindika ebda binja.

## 45.9 Punti Oħra

45.10.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kont mingħand il-GreenMT minħabba skart kontaminat li nstab mal-iskart miġbur mil-lokalità tal-Imtarfa. Dan il-kont kien jammonta għal €1633.36. Kien hemm qbil li s-SE għandha timxi mad-direttiva maħruġa mid-DLG biex dan il-kont jitħallas mill-iskema u mhux mill-Kunsill Lokali.

45.10.2 Is-Sindku informa li matul il-weekend ta' bejn id-9 u t-12 ta' Settembru, is-Sindki tar-Reġjun Tramuntana kienu se jmorru fuq skambju reġjonali ġewwa County Waterford fl-Irlanda.

45.10.3 Is-SE infurmat li kienet reġgħet intbagħtet ittra oħra lis-sidien tal-garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa sabiex jiġu l-uffiċċju jiffirmaw id-dikjarazzjoni għal IM u jgħaddu kopja tal-kuntratt għall-HA. Kienet ġiet biss persuna waħda u wara li reġgħet infurmat b'dan kollu lis-CEO tal-HA, is-SE qalet li dan kien infurmaha li se jagħmlu eżerċizzju min-naħa tagħhom biex possibbilment isibu d-dettalji tax-xerrejja.

## 45.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

45.11.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 08/2022), kopja tagħha mehmuża.

45.11.2 Il-Kunsillier Fenech propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 45.12 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

45.12.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7:20pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 29 ta' Settembru 2022 fil-5:30pm.

Konfermati, illum it- Ħamis 29 ta' Settembru 2022.

Kyle Mifsud
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv